MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 80/2012

**Appell Nru. 80/2012**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Geoffrey Azzopardi)**
**Vs**
**Alfred Degiorgio**

**Illum 13 ta' Novembru, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat [detentur tal-karta tal-identita` numru 541264(M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar il-5 ta' Mejju 2003 ghall-habta ta' l-4:00p.m. fis-Swieqi, flimkien ma' persuni ohra, ikkommetta serq ta' handbag kontenenti fost affarijiet ohrajn madwar tmintax-il elf liri fi flus kontanti, liema serq li huwa kkwalifikat bil-mezz u l-valur li jeccedi l-elf lira sar ghad-dannu ta' Maria Caruana mill-Wardija u / jew persuni ohra;

U talli nhar il-5 ta' Mejju 2003 u fil-jiem ta' wara f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg, u cioe l-flus u l-oggetti msemmija, misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta, jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Frar, 2012, li biha, sabet lill-appellat Alfred Degiorgio hati ta` l-ewwel akkuza, mhux hati tat-tieni akkuza li minnha lliberatu u wara li rat l-Artikoli 261(b), (c), 263 (b), 267, 278, 279(b), 280, 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta u kkundannatu ghall-erba` snin u nofs prigunerija li minnha jrid jitnaqqas iz-zmien li l-appellat qatta` f`arrest preventiv.

Din il-piena giet akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-gravita tar-reat, il-Fedina Penali tal-imputat, l-eta tieghu u cirkostanzi kollha tal-kaz.

Rat ir-rikors ta' Alfred Degiorgio minnu pprezentat fil-15 ta' Frar, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja u tirriforma s-sentenza imsemmija billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti taghha fejn sabet lill-appellant mhux hati tat-tieni imputazzjoni, thassar, tirrevoka u tikkancella l-istess sentenza fil-kumplament taghha u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u piena u/jew tvarja u tirriforma l-istess sentenza f'dik il-parti taghha li tirrigwarda l-piena nflitta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellat huwa s-segwenti w cioe':-

1. Illi bir-rispett l-ewwel Qorti ghamlet ennuncjazzjoni inkompleta tat-teorija tal-pussess ricenti b'mod konsegwenza erronjament sabet lill-appellant hati imputazzjoni, skoretta u illi per tal-ewwel imputazzjoni.

Illi f'dan ir-rigward jinghad illi l-ewwel Qorti interpretat it-teorija tal-pussess ricenti billi b'mod simplistiku ikkonkludiet li, una volta li jirrizulta l-appellant kien fil-pussess ta' xi flus li kienu jifformaw parti minn "res furtiva", allura il-konsegwenza hija li l-appellant huwa hati ta' serq galadarba ma tax spjegazzjoni ta' kif gie fil-pussess ta' dawk il-flus,

Illi bir-rispett jinghad li dan huwa mod inkomplet u skorrett dwar kif wiehed ihares lejn din id-duttrina,

Illi f'dan l-aspett l-appellant jaghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali per l-Imhallef Carmel Agius nhar il-11 ta' Marzu 1993 fil-proceduri fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Melchior Spiteri' fejn gie ritenut li, ghad li huwa indubitat illi l-pussess tal-haga misruqa huwa indizzju ferm qawwi tar-reat ta' serq jew ta' ricettazzjoni, irid ikun hemm elementi ohra ta' prova li b'xi mod issahhu l-prova li tigi minn dak l-indizzju.

Issa f'dan il-kaz ir-rizultanzi processwali huma tali li huwa car li ma hemm assolutament ebda prova jew indizzju iehor li jorbot lill-appellant mas-serqa de quo.

Illi inoltre l-ewwel Qorti ma tat ebda piz lill-aspett mhux traskurabbli ta' dan il-pussess - il-fatt li l-oggetti misruqa f'dan il-kaz huma flus - ossija oggett li jghaddi facilment minn id ghal ohra.

Illi ghalhekk jigi umilment sottomess li biex tapplika din it-teorija aktar ma l-oggett ikun tali li jghaddi malajr minn id ghal ohra aktar il-pussess, biex ikun indizzju ta' serq, ghandu jkun ricenti b'mod illi certu perjodu jista jkun ricenti ghal certu xorta ta' oggett u mhux ricenti ghal xorta ohra ta' oggett aktar facilment zmercjabbli. Illi fuq dan il-punt l-appellant jaghmel riferenza ukoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-16 ta' Novembru 2006 per l-Imhallef Joe Galea Debono fil-proceduri fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur G Azzopardi) vs Antoine Cassar'.

Illi fuq dan il-punt l-appellant jislet ukoll mill bran citat mill-ewwel Qorti:
" What constitutes "recent possession" depends upon the nature of the property and the circumstances of the particular case...In R vs. Smythe...Kliner Brown J., giving the Court of Appeal's judgement said: "Nearly every reported case is a decision of fact as an example of what is no more than a rule of evidence." (para.21-320)"

Illi jekk wiehed kellu jistrieh, kif donnha strahet l-ewwel Qorti fuq dak li jghallem l-Archbold allura l-konsegwenza bir-rispett kollu tkun wahda fejn l-appellant jinstab mhux hati tal-ewwel izda tat-tieni imputazzjoni. Dana qieghed jinghad propju u unikament sabiex jigi enfasizzat kif, bid-dovut rigward, l-ewwel Qorti interpretat u applikat hazin it-teorija in kwistjoni.

2. IIli minghajr prejudizzju ghal dak fuq premess u fl-eventwalita li ma jintlaqax l-ewwel aggravju, l-ewwel Qorti ma setghet qatt issib lil-appellant hati ta' serq aggravat bil-mezz.

Illi f'dan ir-rigward I-ewwel Qorti ticcita l-Artikolu 263(b) tal-Kap 9. Issa dana jipprovdi li r-reat ta' serq huwa aggravat bil-mezz fis-segwenti xenarji:

"(b) meta l-halliel jizbogh wiccu, jew jilbes maskra jew ghata ohra tal-wicc, jew jaghmel xi tibdil iehor fl-ilbies jew fis-sura, jew meta, sabiex jaghmel is-serq, jiehu t-titolu jew il-libsa ta' ufficjal civili jew militari, jew jippretendi li ghandu ordni mahrug minn awtorita pubblika li jkun falz, ukoll jekk dawn il-mezzi qarrieqa ma jkunux fil-fatt swew biex ighinu s-serq, jew biex ma jikxfux il-halliel".

Issa mid-deposizzjoni tad-derubata Maria Caruana (a folio 47 et seq) minn imkien ma jirrizulta xi wiehed mill-kwalifiki msemmija fl-Artikolu 263(b) li permezz tieghu s-serq jisfa aggravat blaggravju tal-mezz kif imfisser fl-istess Artikolu.

Illi l-fatt li d-derubata ma gharfitx liz-zewg persuni li hadulha l-baskett u li ma setghatx taghti deskrizzjoni taghhom ma jfissirx li dan sehh ghaliex il-halliel ghamel xi

tibdil iehor fl-ilbies jew fis-sura tieghu. Il-fatt li persuna tilbes "baseball cap", haga normalissima fl-ilbies taz-zaghzagh illum, ma tammontax ghall- "tibdil iehor" kif prospettat fl-Artikolu 263(b) tal-Kap 9.

Illi di piu' u fuq kollox l-ewwel Qorti sabet il-htija mhux ghaliex waslet ghall-konkluzzjoni li l-appellant kien wiehed minn dawn iz-zewgt irgiel izda fuq l-applikazzjoni tad--duttrina, benche b'mod erronju fl-umli fehma tal-appellant kif spjegat fl-ewwel aggravju ta' dan ir-rikors tal-appell, tal-pussess ricenti.

Mela allura f'dan l-isfond izjed u izjed il-kwalifika tal-mezz, kif spjegata fl-Artikolu 263(b) tal-Kap 9 ma tista qatt tirrizulta fil-konfront tal- appellant, tenut kont li din il-kwalifika hija cirkostanza personali attribwibli se mai lill-persuna li jkun wettaqha.

3 Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravji fuq il-mertu jigi sottolinejat li f'kwalunqwe kaz il-piena inflitta kienet wahda altroche eccessiva.

Illi l-ewwel Qorti ticcita l-fedina penali, l-gravita tar-reat, l-eta tal-appellant u c-cikorstanzi kollha tal-kaz bhala l-fatturi li wasluha sabiex timponi tali piena.

Illi pero jidher li jekk hemm fatturi li propju ma jiggustifikawx l-imposizzjoni ta' din il-piena bir-rirpett kollu huma propju dawn l-istess konsiderazzjonijiet maghmula mill-ewwel Qorti.

Dana qieghed jinghad ghaliex il-fedina penali tal-appellant, inkluz dik aggornata, bl-ebda mod ma tiggustifika tali piena. Jinghad hawnhekk li dan il-kaz jirrisali ghas-sena 2003, ossija disa snin ilu u kien ikun forsi ghaqli li l-ewwel Qorti staqsiet ghall-fedina penali aggornata tal-appellant. Bilkemm hemm ghalfejn jinghad li f'dan il-process l-appellant ilu jistenna li jinghata s-sentenza ghall-perjodu konsiderevoli u dana stante l-bosta differimenti li nghataw mil-ewwel Qorti sabiex din is-sentenza tinghata.

Dwar l-eta l-appellant ftit li xejn ghandu xi jghid hlief li illum huwa disa snin ixjah minn meta sehh l-akkadut u kif l-eta tincidi fuq il-piena f'dan il-kaz ftit li xejn wiehed jista jifhem.

Dwar il-gravita jinghad li hawn l-appellant instab hati mhux ghax wettaq il-fatt izda ghaliex, skond l-ewwel Qorti, naqas milli jispjega kif gie fil-pussess ta' ftit aktar minn elf liri Maltin (Lm1,000) li kienu nsterqu erba/hamest ijiem qabel. Bir-rispett, il-piena, se mai, kellha tigi kalibrata fuq dak li nstab fil-pussess tal-appellant u mhux fuq it-totalita tas-serqa ghax b'hekk l-appellant ikun qieghed jerfa piz li huwa ta' haddiehor u di piu' kastigat ghalih, Bilkemm hemm ghalfejn jigi spjegat illi dawn kienu c-cirkostanzi tal-kaz li l-ewwel Qorti messha hadet in konsiderazzjoni meta giet biex tinfliggi l-piena. Huwa assai evidenti li bl-oppost dan kollu gie injorat.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi li fil-5 ta' Mejju, 2003 ghall-habta ta' l-4:00 ta' wara nofs inhar certu Maria Caruana ta' 64 sena kienet miexja fi Triq Qantar is-Swieqi u avvicinawha zewgt irgiel, hatfulha l-handbag u tlequ jigru.  Hija pprivat issegwihom izda kien ghal xejn, irrapurtat illi kellha LM18,000 f'noti ta' 20 Lira fil-handbag apparti arlogg, cheque books tal-Lombard Bank, xi daft banks, cwievet u dokumenti.  Il-flus illi kellha Caruana kienu gejjin minn Tax refund li gew imsarfa mill-Bank Centrali ta' Malta fi blokka ta'10 pakketti ta' 100 karta ta' 20 Lira u 5 pakketti ohra sfuzi  li minnhom kienet hadet zewg pakketti. Minn dawn il-flejjes Caruana kienet tat LM 600 lil bintha mizzewga. Fortunatament il-flus illi gew moghtija lil Caruana kienu debitament registrati mill-Bank Centrali bin-numru tas-serie maghrufa ta' kull karta ta' flus moghtija lilha.  Il-Bank Centrali rrilaxxja s-serial numbers ta' dawn il-flus u gew cirkulati f'Malta.

Fit-8 ta' Mejju, 2003 bdew dehlin rapporti li dawn il-flus kienu qeghdin jitpoggew fic-cirkolazzjoni, kien hemm erba' transazzjonijiet partikulari, wiehed fil-hanut maghruf "Options",  iehor fl-Oracle Casino ta' Bugibba, xirja minn "Springfields" u transazzjoni ma "Premier Car Dealer" ghal

karozza li kienet inxtrat minn persuna qrib l-akkuzat. L-appellant mhuwiex qieghed jikkonttesta li dawn il-pagamenti saru minnu pero' jghid illi dawna gew f'idejh b'mod normali fil-kors tac-cirkolazzjoni tal-flus u ma kelliex tapplika fil-konfront tieghu t-teorija ta' "recent possession" kif ghamlet l-Ewwel Qorti fejn b'Sentenza tat-3 ta' Frar, 2012 (fol 429) sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal erba' snin u nofs prigunerija.

L-appellant hassu agravat minn din is-Sentenza u minnha nterpona appell. L-agravju principali tieghu huwa li l-Ewwel Qorti nterpretat it-teorija ta' "recent possession" hazin u ma tatx piz bizzejjed ghal fatt illi l-flus jimxu fis-socjeta b'mod spedit immens u terga l-erba' transazzjonijit irrapurtati gejjin minn pakketti ta' flus li kienu differenti. Ilmenta wkoll li ma kellux jigi addebitat bl-agravju tal-mezz u l-valur peress illi d-dinamika ta' l-incident ma jinkwadrax mad-definizzjoni tal-mezz. Terga l-appellant ma giex identifikat bhala l-persuna li wettaq ir-reat u l-fatt illi kien liebes "baseball cap" mhuwiex xi mezz sabiex jghatti l-wicc jew jahbi l-identita tieghu kif donnha qieghda tissuggerissi l-Ewwel Qorti.

Ikkunsidrat.

L-ewwel Qorti ghamlet espozizzjoni korretta tat-teorija tar-"recent possession", u a skans ta' repitizzjoni taghmel ampja referenza. Fil-fatt, kienu s-serial numbers tal-flus illi wasslu lill-pulizija ghand l-appellant illi ma nnegax il-pussess ta' dawn il-flus, pero' lanqas ma ta xi spjegazzjoni kredibli kif gie fil-pussess taghhom u mhux ohrajn. Irrizulta illi dak iz-zmien kien dizokkupat u fuq beneficji socjali u kien dak illi wassal lill-Qorti biex ixxaqleb lejn is-serq u mhux ricettazzjoni. Din il-Qorti taghmel referenza ghal decizjoni moghtija mill-Qorti ta' l-Appella Kriminali, kif preseduta fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Malcolm Mifsud u Luke Farrugia" deciza fil-11 ta' Ottubru, 2010 fejn ukoll saret espozizzjoni profonda tat-teorija ta' recent possession u mhxu il-kaz illi din il-Qorti terga toqghod tidhol fi spjegazzjoni ta' din it-teorija. Bizzejjed jinghad illi kif qalet il-kawza "Il-Pulizija vs Emanual Seisun et" deciza

fis-26 ta'Awwissu, 1998 *".... Meta jigu pruvati certa fatti dawn jistghu wehidhom iwasslu ragunevolment ghall-konkluzjoni li persuna partikulari tkun hatja tar-reat ta' serq ta' l-oggetti misjuba ghandha jew, skont ic-cirkostanzi, tar-reat tar-ricettazzjoni ta' dawk l-oggetti ...."*. Il-flus instabu fil-pussess ta' l-appellant propju tliet ijiem biss wara illi nsterqu u minkejja li hu bensaput illi flus jimxu fis-socjeta b'mod spedit, dan it-terminu huwa qasir wisq biex l-appellant jigi fil-pussess ta' dawn il-flus u jonfoqhom fl-istabbilimenti u bil-mod illi nefaqhom u dana persuna illi dak iz-zmien kien dizokkupat u jghix fuq il-beneficcji socjali. Dana kien illi gieghel lill-Ewwel Qorti tirrimarka illi zgur ma kienx agir meqjus ta' persuna illi tghix *"just above the poverty line"* u cioe' bl-anqas ammont percepit mill-Istat bhala l-minimu ghal ghajxien dicenti, ghal kuntrarju dana huwa agir ta' persuna li huwa sta bene. Dan abbinat mal-fatt illi l-appellant ma pprovdiex spjegazzjoni gustifikata ghal pussess ta' dawn il-flus gieghel lill-Ewwel Qorti tasal ghall-konkluzjni bil-mod illi ghamlet. Din il-Qorti thoss illi l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet legalment u ragunevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha, ghalhekk mhux il-kaz li din il-konkluzjoni tigi disturbata.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------